MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1325/2003

**Fenoco Company Limited u b'digriet tal-Qorti tal-1 ta' Dicembru 2004 ordnat li jizdied 'C-6857', u Michael Angelo Fenech b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2004 il-Qorti ordnat li jizdied 'I.D.Nru 440647M', u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2004 il-Qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li l-isem 'Fenoco Company Limited' jigi sostitwit bl-isem 'Fenoco Ltd' kull fejn jirrikorri f'dawn l-atti.**

**vs**

**Water Services Corporation u Korporazzjoni Enemalta.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Dicembru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-kumpannija Fenoco Company Limited hi sid tal-fond, 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara filwaqt li l-attur Michael Angelo Fenech huwa direttur tal-istess kumpannija.

Illi l-fond premess, huwa mikri lil terzi li jinkludu ditta ta' avukati, assocjazzjoni ta' banek maghrufa Mediterranean Bank Network u kumpannija kummercjali barranija li jisimha MedBonds Finance Limited;

Illi atturi gew mgharrfa illi l-korporazzjoni konvenuta kienet bi hsieba tissospendi jew twaqqaf is-servizz tal-elettriku fil-fond premess (dokument “A” esibit fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 2107/03);

Illi l-atturi ma ghandhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-kont mitlub mill-korporazzjoni konvenuta u a bazi ta' liema inhareg l-avviz dokument “A”. Tali kont huwa responsabbilta` ta' terzi u dan kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni annessa fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2107/03.

Illi fis-27 ta' Awissu 2003, minkejja illi l-konvenuti kienu jafu li l-kont jappartjeni lil terzi, l-istess intimati qabdu u hargu avviz lill-attur Michael Angelo Fenech fejn heddew li jew ihallas jew jaghlqulu il-provvista tad-dwal fil-"*fond fejn toqghod*." (dokument “E” ezibit fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 2107/03).

Illi l-attur Michael Angelo Fenech irrisponda ghal din l-ittra billi pprezenta protest gudizzjarju f’liema ikkontesta t-talbiet tal-korporazzjoni u ntima li kien lest jiehu proceduri biex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu (dokument “F” esibit fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2107/03). Ghal dan il-protest il-konvenuti ma ghamlu l-ebda risposta. B' danakollu ricentement l-attur Michael Angelo Fenech ircieva l-annessa ittra Dokument “A” datata 14 ta' Novembru 2003 fejn jirrizulta li l-konvenuti kienu qed jintimaw li ser jiehdu passi immedjati biex iwaqqfu is-

servizz tad-dawl u ilma fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara.

Illi l-ebda wiehed mill-atturi ma ghandu jaghti lill-konvenuti s-somma mitluba fl-ittra premessa, dan kif jafu ben tajjeb l-istess konvenuti;

Illi l-istess konvenuti ma ghandhom l-ebda dritt li jiehdu l-passi li qed jheddu li ser jiehdu. Ghaldaqstant l-esponenti kellhom id-dritt li jitolbu l-hrug ta' mandat ta’ inibizzjoni biex izommu lill-konvenuti milli jiehdu dawn il-passi.

Illi ghalhekk l-atturi pprocedew b'mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Inib. Numru 2107/03) u talbu li l-intimati jigu mizmuma milli jissospendu jew fi kwalsiasi mod iwaqqfu  jew izommu l-provvista tal-elettriku u tal-ilma fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, liema mandat gie milqugh definittivament,

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li s-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li ebda wiehed mill-atturi ma ghandu jhallas lill-konvenuti ghall-provvista ta' dawl u ilma li seta’ gie pprovdut mill-konvenuti fil-fond.

2. Tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda dritt li jissospendu s-servizz ta' dawl u ilma fil-fond 13, Archbishop Square, Kalkara a bazi tan-nuqqas ta' hlas ta' xi ammont li l-konvenuti jistghu jippretendu li huwa dovut ghall-provvista ta' dawl u ilma fil-fond "Store F”, No. 135, Under New Bighi, Kalkara Road, Kalkara;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju fl-ismijiet premessi u bin-numru 2107/03 u tal-protest gudizzjarju ipprezentat fil-5 ta' Settembru 2003;

B’riserva ta' kull azzjoni ghal danni jew kumpens mod iehor kompetenti lill-atturi u l-konvenuti gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 28 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-11 ta’ Frar 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet korporazzjonijiet konvenuti datata 8 ta’ Jannar 2004 a fol. 34 tal-process fejn eccepew:-

1. In-nullita` tac-citazzjoni u d-dikjarazzjoni annessa maghha, *stante* li neqsin mill-partikolaritajiet dwar l-atturi rikjesti mil-ligi.

2. Illi Fenoco Company Limited m’ghandhiex *locus standi* f’din il-kawza *stante* li ma tezistix.

3. Illi l-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2107 tal-2003 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.

4. Illi mid-dokumenti u r-*records* tal-korporazzjonijiet konvenuti, ma jirrizultax li l-fond indikat fic-citazzjoni, u cioe` 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, huwa fornut bis-servizzi tal-ilma u elettriku;

5. Illi l-korporazzjonijiet konvenuti huma awtorizzati bil-ligi li jissospendu l-fornitura tal-ilma u elettriku meta l-kontijiet relattivi ma jithallsux skont il-ligi;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi jew min minnhom.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjetajiet konvenuti a fol. 35 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-korporazzjonijiet konvenuti datata 8 ta' Jannar 2004 a fol. 36 tal-process fejn esponew: -

Illi l-atturi talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2107 tal-2003, li permezz tieghu l-korporazzjonijiet konvenuti gew mizmuma milli jissospendu jew fi kwalsiasi mod iwaqqfu jew izommu l-provvista tal-ilma u elettriku fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara;

Illi tali ordni tammonta in effett ghal ordni lill-istess korporazzjonijiet konvenuti sabiex jaghmlu xi haga, u cioe` jibqghu jipprovdu s-servizzi tal-ilma u l-elettriku fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara;

Illi l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni hu li jzomm lil xi hadd milli jaghmel xi haga u mhux li jgieghel li xi hadd biex jaghmel xi haga;

Jghidu ghalhekk l-istess atturi ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi;

1. Tannulla u tirrevoka d-digriet koncernanti l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni numru 2107/2003 esegwit kontra l-istess Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u Korporazzjoni Enemalta fuq talba tal-atturi.

2. Tordna l-hrug tal-opportun kontro-mandat.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-istess Mandat ta' Inibizzjoni numru 2107/2003, kontra l-istess atturi li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjonijiet konvenuti flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 37 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati datata 12 ta' April 2004 a fol. 44 tal-process fejn eccepew illi:-

1. Fl-ewwel lok l-irritwalita` u n-nullita` tat-talba rikonvenzjonali billi t-talba proposta mill-korporazzjonijiet

konvenuti rikonvenzjonanti ma hijiex permessibbli mil-ligi bhala kontro-talba;

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-irritwalita` u n-nullita` tat-talba rikonvenzjonali in kwantu li l-ligi tipprovdi procedura specjali kif wiehed ghandu jimpunja mandat kawtelatorju li ma hijiex il-procedura adottata mill-korporazzjonijiet rikonvenzjonanti;

3. Fit-tielet lok u fil-mertu, bla pregudizzju ghas-suespost, li l-mandat kawtelatorju premess huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

4. Fir-raba' lok illi t-talbiet rikonvenzjonali huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra il-korporazzjonijiet konvenuti rikonvenzjonanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tal-atturi rikonvenzjonati a fol. 45 u 46 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Fenoco Ltd u Michael Angelo Fenech datat 22 ta' Gunju a fol. 49 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-korrezzjoni tal-atti tal-kawza premessa u tal-Mandat ta' Inbizzjoni premess billi kull fejn tirrikorri l-isem Fenoco Company Limited din tigi mibdula ghal Fenoco Ltd.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2004 il-Qorti, fuq talba tal-atturi ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet bin-numru 2107/03. Dr. John Refalo talab korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni fis-sens li hdejn l-isem Fenoco Limited jigi mizjud in-numru C-6857 u wara l-isem ta' Michael Angelo Fenech jigi mizjud l-ID No 440647 M. Il-konvenuti opponew. Il-Qorti rriservat li tipprovdi fis-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Dicembru 2004 ghall-provediment dwar dan il-punt u kontinwazzjoni; u l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru

2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi maghmulha fis-26 ta' Ottubru 2004 u ordnat korrezzjoni fl-okkju fis-sens li wara l-kliem "Limited" jizdied "(C-6857)" u wara l-kelma "Fenech" jizdiedu "ID Nru 440647 M". Il-konvenuti taw ruhhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi kollha tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien man-nota minnha pprezentata.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ordnat il-kancelliment tal-kawza, minn fuq il-lista a spejjez attrici. Il-kawza giet kancellata.

Rat il-rikors ta' Fenoco Company Ltd. et datata 9 ta' April 2007 a fol. 153 tal-process fejn talbu li tigi rriappuntata l-kawza ghal seduta ohra; u l-Qorti, wara li rat in-nota datata 30 ta' Ottubru 2007 laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-10 ta' Jannar 2008.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fid-19 ta' Frar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. John Refalo ghas-socjeta` attrici li nforma l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx, il-konvenuti u d-difensuri tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2009 u tat-28 ta' Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed isostnu li kont tad-dawl u ilma ghall-fond Store No. 135, Bighi, Kalkara ma hijiex dovuta minnhom ghaliex tali konsum sar minn terzi li lilhom kien mikri l-fond. Allura l-istess korporazzjonijiet konvenuti ma ghandhom ebda dritt la jesigu l-hlas minghand l-atturi u lanqas jaqtghu l-provista ta' dawl u ilma tal-fond 13, Misrah l-Arcisqof Gonzi, Kalkara, li tieghu l-atturi huma s-sidien u kien mikri lil terzi konsistenti f'ditta ta' avukati, assocjazzjoni ta' banek indikati fl-atti tac-citazzjoni attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kont relattiv jirreferi ghall-ammont ta' Lm538.12 (Dok. "A" – fol. 77) ghall-konsum ta' dawl u ilma fil-fond "Store F", 135, Under New Bighi, Kalkara, u l-applikazzjoni ghall-provista ta' dawl u ilma saret minn Michael A. Fenech ghan-nom tas-socjeta' MarMarine Services Limited (Dok. "B" – fol. 78) li kellha l-indirizz registrat taghha fil-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara (Dok. "WSC 1" – fol. 87).

Illi jirrizulta li fit-30 ta' Novembru 2001 (Dok. "F1" – fol. 95) sar notament minn Antonella Zammit ghall-Korporazzjoni Enemalta fejn inghad li Dr. Roberta Gauci hija l-kerrej il-gdid tal-fond 13, The Strand, ix-Xatt il-Kalkara u li l-ammont ta' Lm343.55 huma dovuti minn Luboil Manufactures Co. Ltd indikati bhala kerrejja tal-istess fond. B'hekk inghad li ghandu jsir *"change of tenancy & consumer is ready to pay the deposit of Lm200. From 27th September 2001, Dr. Roberta Gauci is responsible for all bills".* Tali ammont fil-fatt thallas (Dok. "F2") u Dr. Roberta Gauci giet rikonnoxxuta bhala l-inkwilin skond ittra datata 30 ta' Novembru 2001 (fol. 96) u allura responsabbli ghall-kontijiet fuq l-istess fond mis-27 ta' Settembru 2001 u dan mix-xhieda ta' Maria Borg impjegata tal-Water Services Corporation (il-persuna li lilha giet indirizzata l-ittra) datata l-1 ta' Dicembru 2004. L-istess kontenut tal-imsemmija ittra giet ikkonfermata mix-xhieda ta' Antonella Pace tad-9 ta' Frar 2005 li kitbet l-istess ittra.

Illi din hija l-unika xhieda li hemm fil-process u minn dan kollu jirrizulta li l-provista ta' dawk u ilma li ghalih jirreferi l-kont indikat hija dik moghtija proprju fil-fond "Store F", 135, Under New Bighi, Kalkara li ghalih kienet responsabbli is-socjeta' MarMarine Services Limited, u li ghalhekk l-atturi ma huma bl-ebda mod responsabbli ghall-hlas tal-istess kont mertu tal-kawza odjerna.

Illi jirrizulta wkoll li minn dokumentazzjoni ohra (Dok. "F1) li l-istess Korporazzjoni Enemalta b'ittra datata 30 ta' Novembru 2001, kienet accettat li kull kont li kien hemm fuq il-fond 13, Archbishop Gonzi Square, Kalkara kellu jithallas b'effett mis-27 ta' Settembru 2001 minn Dr. Roberta Gauci, u li kontijiet ta' qabel fuq l-istess fond kienu dovuti mis-socjeta' Luboil Manufactures Co. Ltd u dan fl-ammont ta' Lm343,55. u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Antonella Zammit ghan-nom tal-istess Korporazzjoni li attwalment kitbet l-istess ittra, u minn Mrs. Maria Borg ghan-nom ta' l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma, li rcievet l-istess ittra u li agixxiet fuqha.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti jinghad li dawn ma ghandhom l-ebda bazi kwalunkwe. Fil-fatt l-ewwel eccezzjoni ma hijiex legalment sostenibbli peress li ma hemm xejn x'jirrendi c-citazjoni attrici nulla; dwar it-tieni eccezzjoni jirrizulta li saret korrezzjoni fis-sens li s-socjeta' attrici hija ndikata bhala Fenoco Limited; ma hemm xejn li jirrendi  l-mandat ta' inibizzjoni null u bla effett; u dwar l-eccezzjonijiet l-ohra ma jirrizultax li dawn huma b'xi mod gustifikati jew b'xi mod sostanzjati. Ghalhekk l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti qed jigu michuda u t-talbiet attrici qed jigu milqugha ghaliex gew ilkoll ippruvati.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenuti fejn qed jintalab li jigi annullat il-mandat ta' inibizzjoni Numru 2107/2003 din il-Qorti thoss li l-procedura idonea ghar-revoka tal-istess hija dik skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 tal-Kap. 12.** Izda fi kwalunkwe kaz ma hemm ebda raguni ghaliex tali mandat ghandu jigi ddikjarat bhala null u bla effett u dan *stante* li attwalment hareg skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 873 tal-Kap. 12.** Ghalhekk il-kontro-talba qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li ebda wiehed mill-atturi ma ghandu jhallas lill-konvenuti ghall-provvista ta' dawl u ilma li seta' gie pprovdut mill-konvenuti kif indikat fic-citazzjoni attrici.

2. Tiddikjara li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda dritt li jissospendu s-servizz ta' dawl u ilma fil-fond 13, Archbishop Square, Kalkara a bazi tan-nuqqas ta' hlas ta' xi ammont li l-konvenuti jistghu jippretendu li huwa dovut ghall-provvista ta' dawl u ilma fil-fond "Store F", No. 135, Under New Bighi, Kalkara Road, Kalkara;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenuti, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-istess kontro-talba nkwantu l-istess huma konsistenti ma' dak deciz, **tichad it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------